



Brussell, 4 ta' Settembru 2023

CM 4015/23

Fajls Interistituzzjonali:

2023/0148(NLE)

2023/0149(NLE)

2023/0147(NLE)

PECHE
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: LIFE.fisheries@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32.2.281.6083

Suġġett: 1) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028) -
- Adozzjoni

2) Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028)
- Adozzjoni

3) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028)
- Qbil fil-prinċipju
- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew
= BIDU TAL-PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) ħa fis-26 ta' Lulju 2023 li tintuża l-proċedura bil-miktub, jekk jogħġobkom indikaw jekk:

- taqblux mal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja, kif tinsab fid-dokument 9856/23, u tar-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, kif jinsab fid-dokument 9866/23;
- taqblux ma' qbil fil-prinċipju dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq dwar il-konklużjoni, kif tinsab fid-dokument 9862/23, u jekk għandhiex tintbagħat, flimkien mat-test tal-protokoll (dok. 9890/1/23 REV 1), lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

Jekk jogħġbokom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI fi tweġiba waħda li tkopri l-mistoqsijiet kollha.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsija, għajr dawk li diġà saru fil-Coreper (dok. 10337/1/23 REV 1 ADD 1).

It-twegibiet għandhom jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill sal-**Erbgħa**

6 ta' Settembru 2023 f'12:00. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil LIFE.fisheries@consilium.europa.eu.
